# Ittra ta' Mro. Carlo Diacono lill-Prokuratur tal-Kolleġġjata



Patri Anton Farrugia, OFM, SThB, SLL.



Iċ-ċelebrazzjonijiet solenni Prepositali li jsiru fil-Kolleġġjata Bażilika Elenjana minn dejjem kienu miżmuma fl-għola ġieħ u ħafna mhux biss kienu u għadhom jiġu biex jassistu għal dawn il-funzjonijiet liturġiċi imma l-aqwa surmastrijiet ixxenqu li jħabbtu l-mużika tal-festa ta' Sant'Elena. Terġa' u tgħid, kien hemm żmien li minbarra l-festa titulari kien hemm ukoll il-festa tal-Madonna tad-Duttrina li kienet meqjusa bħala waħda sekondarja bil-mużika fil-knisja u l-baned fit-toroq.

Bla dubju ta' xejn fost l-aqwa surmastrijiet u kompożituri tal-mużika f'pajjiżna kien hemm Carlo Diacono li twieled fiż-Żejtun fl-1 ta' April tas-sena 1876. Ta' età żgħira kien diġà organista fil-knisja parrokkjali. Beda l-istudji tiegħu taħt surmast magħruf ieħor, Paolino Vassallo u mal-mewt tiegħu, l-Arċisqof Mawru Caruana ħatru *Maestro di Cappella* tal-Katidral tal-Imdina u tal-Konkatidral ta' San Ġwann, bla qas biss kien applika għal dan il-post.

Kien iż-żmien meta l-Papa San Piju X ried jirriforma l-mod ta' kif kienet issir il-mużika sagra fil-knejjes u Diacono ddistingwa ruħu b'kompożizzjonijiet skont id-direttivi mitluba fil-*Moto Proprio* tal-Papa.

L-antifoni sbieħ li kkompona bdew jiġu identifikati miegħu u mal-*Cappella Diacono* li waqqaf u baqa' jmexxi sa mewtu li ġrat fil-15 ta' Ġunju 1942. Minbarra l-antifoni li għadhom popolari sal-lum, Diacono arrikixxa l-Cappella tiegħu b'diversi quddies, salmi, magnificat, *tantum ergo* u l-famuż innu *O salutaris Ostia* minbarra diversi kompożizzjonijiet oħra ta' mużika sagra.



Interessanti x-xewqa li kellu li jsir il-Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata Elenjana li jesprimi tajjeb f'ittra li kien kiteb lil wieħed qassis jismu Dun Pawl u li fiha jitolbu jirrakomandah lill-Prokuratur biex jieħu f'idejh il-mużika tal-festi ta' Santa Liena u tad-Duttrina.

Diacono jistqarr li din kienet l-ewwel darba f'ħajtu li kien qed jitlob rakkomandazzjoni għalih innifsu għaliex kien iħoss li ma kienx sew li jieħu x-xogħol ta' ħaddieħor. Imma ġara li f'Ħaż-Żebbuġ, il-mużika tal-festa ta' San Filep, minn idejn l-imgħallem tiegħu Paolino Vassallo, spiċċat għaddiet f'idejn is-Surmast Giuseppe Caruana, xi ħaġa li Diacono qiesha bħala azzjoni ħażina.



Milli jidher f'Birkirkara kien hemm ukoll xi ħsieb li l-mużika ta' Vassallo li nifmhu li kienet tindaqq fil-festi prinċipali ta' dak iż-żmien, tgħaddi f'idejn xi surmast ieħor u fl-ittra tiegħu, li ġġib id-data tal-14 ta' Mejju tas-sena 1919, Diacono juri x-xewqa li kellu, illi jissolenizza l-festa titulari ta' Santa Liena u dik sekondarja tal-Madonna tad-Duttrina bil-mużika tal-Cappella tiegħu. Saħansitra, hu jgħid li kien lest jaċċetta li jħabbat mingħajr ebda gwadann personali, bit-tama li l-mużika tal-*Cappella* Diacono tkun ta' sodisfazzjon għall-Kapitlu u l-poplu ta' Birkirkara.

Jekk Dun Pawl kienx qatt irrakomanda lil Carlo Diacono biex isir *maestro di cappella* tal-Kolleġġjata Elenjana ma nafux. Nafu biss li kienet ix-xewqa ta' Diacono stess li l-ittra tiegħu ma tinqara minn ħaddieħor ħlief dan il-qassis.

Din l-ittra ħarġet għad-dawl, grazzi għas-Sur Charles Debono li għaddieli kopja tagħha u li jien min-naħa tiegħi għaddejtha lill-Kanċillier tal-Kapitlu Elenjan, il-Kan. Dun Nicholas Doublet biex tinżamm fl-Arkivju Kapitulari.